**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 301/2012 AGV**

**AB (ID Nru: 407086M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 98893M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 21 ta' Dicembru 2012, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-

1. Illi r-rikorrenti AB u l-konvenut CD ma humiex mizzewwgin izda frott ir-relazzjoni ta' bejniethom twieled il-minuri ED (u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. A);
2. Illi llum il-gurnata ir-relazzjoni ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli;

3. Illi l-minuri ED jghix mar-rikorrenti b’ access favur l-intimat;

4. Illi r-rikorrenti umilment tirrileva li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, tigi fdata f’ idejn ir-rikorrenti, ommu u dan kif ser jigi ppruvat matul il-kawza;

5. Illi r-rikorrenti tirrileva li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jkollu rutina stabbilita fejn tkun jaf f’ liema granet ser ikun ma’ missieru u f’ liema hin;

6. Illi ai termini ta’ digriet datat 17 ta’ Novembru, 2011, l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta’ 140 Ewro fix-xahar ghall-minuri oltre’ nofs l-ispejjez edukattivi u medici ghall-istess minuri (Ara Dok AA 2, hawn anness), liema somma r-rikorrenti ma thossx li verament tirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri;

7. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhietx ghal ragunijiet imputabbli mill-intimat fosthom minhabba l-fatt li bl-ebda mod ma ried jipprova jasal ghal xi forma ta’ kompromess u fuq kollox wara li r-rikorrenti ghamlet minn kollox biex tasal ghal ftehim amikevoli, u kkoncediet diversi aspetti bil-ghan li tigi evitata il-kawza odjerna, l-intimat irrifjuta li jersaq ghal kuntratt u r-rikorrenti giet awtorizzata li tintavola din il-kawza u kif inhu evidenzjat mid-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti, datata d- 9 ta’ Novembru, 2012 ( Dok AA3 hawn anness);

Ghaldaqstant ighid l-intimat ghaliex dina Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Tiddikjara u tafda l-kura u kustodja tal-minuri ED f’ idejn ir-rikorrenti ommu;

2. Tiffissa u tillikwida manteniment adegwat ghall-istess minuri favur r-rikorrrenti, liema mantniment ghandu jinkludi ukoll spejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

3. Tordna lil-intimat ihallas dak il-manteniment hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti f' data partikolari kull xahar, liema ammont ghandu jithallas direttament f' kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti;

4. Taghti kull ordni ohra li jidhrilha xieraq u opportuna fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa, ingunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' CD** datata 8 ta' Frar 2013, fejn espona bir-rispett u kkonferma:-

1. Illi b' referenza ghall-ewwel talba l-esponent jirrispondi li huwa ma jaqbilx li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f' idejn ir-rikorrenti esklussivament izda ghandha tigi fdata lilu u dan stante li r-rikorrenti mhux l-iktar persuna idoneja sabiex tiehu hsieb il-minuri u dan ghal diversi ragunijiet li ser jaghti spjegazzjoni taghha aktar fid-dettall tul it-trattazzjoni tal-kawza. Illi qabel ma nbdew il-proceduri tal-medjazzjoni, il-minuri kien iqatta' l-maggiorparti tal-gimgha mieghu u kien fil-passat li ghamel diversi xhur fejn hu kien primarajment jiehu hsieb il-minuri;

2. Illi rigward it-tieni talba prezentament, l-esponenti qed ihallas il-manteniment kif degretat minn dina il-Qorti, permezz ta' digriet taghha tas-17 ta' Novembru 2011. Illi fl-eventwalita' li l-ewwel talba tar-rikorrenti tigi milqugha huwa ma jaqbilx li dan il-manteniment, ghandu jigi

awmentat tenut kont tal-fatt tal-mezzi tieghu, l-bzonnijiet tal-minuri u tal-introjtu tar-rikorrenti li huwa ferm aktar minn tieghu;

3. Illi l-esponent jopponi ghat-tielet talba u dan stante fost affarijiet ohra li huwa dejjem kien puntwali fil-pagament tal-istess manteniment.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tas-Social Worker Ingrid Vassallo datat 10 ta' Marzu, 2015.[1]

Rat ir-Rapport tal-Perita Psikologa Carmen Sammut datat 11 ta' Mejju, 2015.[2]

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti datat 27 ta' April, 2017.[3]

## FATTI

1. Il-partijiet kellhom relazzjoni u minn dina r-relazzjoni kellhom tifel ED li twieled fit-28 ta' Settembru, 2008. Meta harget tqila l-attrici kienet ghadha l-Universita'. Il-konvenut kien izommilha l-minuri kull nhar ta' Sibt u tghid li t-tifel gieli raqad mal-konvenut meta kienu qed javvicinaw l-ezamijiet ghax kien dam xi sena u tlett xhur biex jorqod lejl shih u kellha bzonn tistrieh.

   Tispjega li hasbet ghall-mument li tirregistra lill-minuri fuq "father unknown," izda mbaghad hasset li ma kinitx haga gusta peress li kienet ghadha mal-konvenut. Il-glied kien inqala' fuq il-kunjom ghax riedet taghtih kunjomha ukoll. L-attrici tispjega li tul ir-relazzjoni, il-konvenut kien iffissa fil-minuri u kien wisq protettiv fuqu li kull girfa li kien isiblu

[1] Ara fol. 326 tal-process.
[2] Ara fol. 342 tal-process.
[3] Ara fol. 401 tal-process.

kien iwahhal fl-attrici. Peress li qatt ma ghexu flimkien meta kienu jkunu flimkien lanqas kien ihalli lill-minuri minuta mal-attrici.

Minhabba dina l-fissazzjoni tieghu kienu spiccaw marru *counselling,* minkejja dawn is-sessjonijiet ma hadmux, ghax kienu tawhom parir li kemm jista' jkun iqattghu iktar hin wahedhom, izda l-konvenut ma kienx dispost li ghamel hekk u r-relazzjoni bejniethom iddeterjorat, tant li m'ghadhomx flimkien illum.

L-attrici tghid li wara li nfirdu, il-konvenut iktar sar ossessjonat bil-minuri peress li ma kinux jiltaqghu kif kienu. L-attrici tkompli tghid li fejn setghet, ippruvat izzomm l-istess rutina ghall-minuri.

Sakemm il-minuri ghalaq sena, il-konvenut kien ighaddilha s-somma ta' €115 ghall-minuri, izda mbaghad kienet hadet parir u bdiet bil-proceduri l-Qorti, fejn il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €140 fix-xahar, oltre l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni.[4] In kontro-ezami, l-attrici kkonfermat li kien hemm drabi li ma hallsitx lill-konvenut xi spejjes u dan minhabba li tkun hallset xi spejjes hi u ma jkollix ircevuti taghhom, ghalhekk biex tpaci maghhom ma tkunx hallset. Tispjega li kellha xi mitejn Euros ghand id-dentist u ma tahix ircevuta u ghalhekk ma talbithomx minghand il-konvenut. Dwar l-uniformijiet tghid li kienet ghazla tal-konvenut u ommu li jixtrulu uniformi ohra li jzommu ghandhom u kulhadd izomm tieghu.

L-attrici tikkonferma li tahdem bhala awditrici u ghandha paga ta' €23,000 gross. Tghid li kienet tghallem il-vjolin part-time, pero' illum kienet qatghetu kwazi kompletament. Gieli ddoqq il-vjolin f'xi okkazzjoni jew

[4] Ara Dok. AA 2 anness.

tieg ma' orchestra u taqla' xi €25 ta' kull servizz. Tikkonferma li kellha xi seba' f'sena u generalment dawn ikunu s-Sibtijiet filghaxija.

Kienu ukoll saru tentattivi biex jintlahaq ftehim, anke ghal dak li jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri u kellhom abbozz lest, izda l-konvenut qatt ma' taha l-kunsens tieghu sabiex jigi ppubblikat dan il-kuntratt, anzi ntavola rikors sabiex jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri. Minn hawn, il-konvenut beda b'sensiela ta' allegazzjonijiet fuq l-attrici, li hi qed tghix ma' haddiehor u li titraskura lill-minuri u li kienet qed issawwtu. Kien hemm okkazzjoni fejn kienet canfret lill-minuri peress li kien kisser flixkun tax-xampanja u baghtitu f'kamartu biex ma jweggax peress li kien hemm il-hgieg mal-art, izda tichad li qatt refghet idejha fuqu.

Waqt il-counselling, li gie rrakkomandat mill-Qorti, il-konvenut qatt ma jghid il-verita' u jinsisti biex ighid il-giddieb biex ipoggi lill-attrici f'dawl ikrah. Kien anke beda jghajjarha bhala omm hazina peress li kienet iddecidiet li tmur tghix ghar-rasha mal-minuri, biex tkun aktar responsabbli u sabiex tkun tista' tiddixxiplina lill-minuri, minflok jigi mmfissed minn nanniet. Tghid li llum ighixu gewwa maisonette u ma jonqoshom xejn.

L-attrici ssostni ukoll li r-relazzjoni bejniethom tant kienet iddeterjorat li tibza' li dan kollu ser ihalli impatt fuq il-minuri. Kien ikun ahjar li kieku jigbdu habel wiehed u kienet sfortuna, meta kienet abbozaw kuntratt iddettaljat, izda f'dawn ic-cirkustanzi ser jigi *brainwashed* mill-konvenut, li hi, ommu ma tiehux hsiebu u dan dejjem bl-iskop li jipprova jiehu l-kura u kustodja tal-minuri f'idejh. Dan beda jintwera ukoll fil-*punishments* li gieli tati lill-minuri. Tichad li hi jew xi membri tal-familja taghha qatt refghu jdejhom fuqu. Izommlu d-dixxiplina, imma jirrispondiha li issa jghid lil missieru u dan kien icedilu. Issemmi incident fejn il-minuri kwazi

kisser laptop ta' hu l-attrici u kienet qaltlu li kienet ser taghtih 60 gurnata minghajr Scooby Doo u mar ighid lil missieru. Dak iz-zmien kellu biss hames snin.

Dwar l-iskola l-attrici tichad li kienu gew involuti social workers. Certu Maryrose kienet counsellor u kienet dahlet fix-xena peress li dak iz-zmien l-attrici kienet marret tghix ghar-rasha mal-minuri u dak iz-zmien it-tifel li kellu biss tlett snin u kienet affettwatu.

In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom, tghid l-attrici, mhux qed tghinhom, tant li minhabba l-piki tieghu rrifjuta li jiffirmalha l-applikazzjoni ghas-sussidju tad-dawl u l-ilma u lanqas ma ried jiffirmalha ghall-iskola sajf u l-minuri spicca lanqas attenda. Kien iffissat li l-iskola fejn riedet tibghatu kienet l-iskola fejn kien wegga' tifel, izda tichad li dina kienet l-istess skola, ghax l-intenzjoni taghha kienet li tibghatu "Avventura Sajf." L-attrici tirrabbja peress li b'dan l-atteggjament il-konvenut irid idahhal lit-tifel minuri go bozza.

L-attrici tkompli tispjega li hi tahdem, pero' ma tahdimx overtime u lanqas part-time, sabiex ikollha l-hin taghha mat-tifel. Tipprova tkun flessibbli anke mal-konvenut bil-hinjiet, izda johloq plejtu shih jekk tinserta tittardja xi ftit. Generalment, tghid li tahdem sal-hamsa u gieli jkollha tmur ghand klijenti privati f'Hal Luqa. Meta tispicca mix-xoghol tmur tigbor it-tifel minghand ommha, tilghab mat-tifel u jaghmlu l-homework u jaraw xi film, jieklu ghand ommha, imbaghad imorru d-dar ghall-habta tad-9.00 PM. Fil-bidu tikkonferma li l-minuri kien joqghod ghand il-konvenut it-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha u mbaghad kienet thallih ghandu meta kienu javvicinaw l-ezamijiet biex tkun tista' tistudja. Tghid li gieli tohrog mal-minuri filghaxijiet mal-hbieb, hemm min ghandu tfal u min le u jiddependi

skond il-gurnata. Tghid li gieli hargu hi u l-minuri l-Hadd filghaxija u jkunu dahlu fl-10 jew il-11.00 pm u l-ghada skola, izda tghid peress li jqum ghall-iskola ghall-habta tat-7.45 ikun raqad tal-inqas tmien sieghat.

Il-preokkupazzjoni magguri taghha hu li l-konvenut ifissed lill-minuri u jtih dak li jrid sabiex ikun jista' jirbhu ghaliex minn mindu nfirdu dawwar kollox f'kompetizzjoni ta' min hu l-ahjar genitur, meta effettivament, l-ewwel u qabel kollox ghandu jgharref li t-tifel ikun mahbub mill-genituri. It-tifel minuri diga' jghid kliem bhal "naughty mummy" u dan minhabba li l-konvenut ikun b'xi mod ikkondizzjonah.

2. Il-konvenut jinsisti li kien dejjem jirrispetta lill-familja tal-attrici, imma l-iktar dizgwid li kien jinqala' kien minhabba li l-genituri tal-attrici kienu aggressivi fil-konfront taghha. Kienu jemmnu f'dixxiplina fizika u ghalhekk kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu jerfghu idejhom fuqha, minkejja li qatt ma rahom, izda kien rah xi tbengil fuq l-attrici. Bhala konsegwenza, kienet tkun aggressiva mieghu u gieli refghet idejha fuqu. Ighid li kien hemm tlett okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet harqitu b'sigarett f'idu u jinnega li dan sehh darba biss u accidentalment.

   Ighid li problema ohra li kellu mal-attrici kienet ix-xorb. Kienet thobb tixrob u kien imbaghad ikollu komplikazzjonijiet biex jehodha d-dar. Meta saret taf li hi tqila, ighid li l-attrici kienet ghamlet minn kollox biex tkorri t-tarbija, kienet tixrob, taqbez il-habel, minkejja li ma kienx raha, kif ukoll kienet anke pejpet il-haxixa u kien canfarha. Meta l-attrici kellha seba' xhur tqala kienet anke marret Gianpula. Dan il-hrug u atteggjamenti kienu kagun ta' hafna glied bejniethom.

Wara li twieled it-tifel ghall-habta tal-Milied, minkejja li kienu flimkien, l-atttrici kellha diversi attivitajiet relatati mal-Milied u jghid li ghamlet xi hamest ijiem ma tara lill-minuri, ghax kien zammu hu minhabba l-impenji taghha.

Wara li twieled E, peress li l-attrici kienet qiedgha l-ahhar sena Universita' kien izomm lit-tifel hafna biex ighinha. Meta beda jtella' s-snien, peress li ma kienx ihalliha torqod, il-minuri kien jorqod hafna ghandu, minkejja li kien irid iqum kmieni ghax-xoghol, biex imbaghad l-attrici kienet tfalli l-lezzjonijiet l-Universita'.

Meta gew biex jirregistrawh, l-attrici riedet tirregistrah bhala "father unknown," izda rrifjuta peress li riedu f'ismu. Ighid ukoll li kien ighinha finanzjarjament u kien ighaddilha s-somma ta' €140 ghall-minuri, izda jinsisti li ma kinitx qed tuzahom biex tixtri l-bzonnijiet tal-minuri. Kien hemm xi ghaxar xhur fejn ma kienx taha manteniment, imbaghad beda jtiha €100 fix-xahar. Kien ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Kien anke hallas l-lezzjonijiet tal-pjanu, kif ukoll il-lezzjonijiet tal-ghawm hu minn jeddu. Jammetti li ma ffirmax il-*consent forms* tal-iscouts ghaliex it-tifel ma jridx jattendi u FG l-iscout leader qallu li t-tifel m'ghandux hajra, izda l-attrici tibda tghajjat mieghu u taghtih punishment jekk ma jmurx.

Illum jametti li ma kienx qed ihallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan peress li ried jaghmel kalkolazzjoni ta' x'hallsu hu u l-attrici biex jiddeterminaw x'inhu dovut lil xulxin.

In kontro-ezami, il-konvenut ighid li jahdem fid-dawl u ilma u jaghmel maintenance. Huwa self-employed u ghalhekk m'ghandux sieghat fissi, izda generalment is-sieghet huma bejn is-7.00 am sal-5. 00 pm, izda huwa

flessibbli minhabba t-tifel. Jithallas cash, jew cekkijiet u dejjem johrog l-ircevuti. Ighid ukoll li jaqa' cirka netti €1,200/€1,500.

Minhabba l-glied kontinwu, kien ha parir minghand zijuh Fr. HI u kienu bdew imorru counselling. Fl-ahhar sessjoni, l-attrici kienet ammettiet li ma riditx tkompli b'dina r-relazzjoni u waqqaf ir-relazzjoni. Izid jghid li l-attrici bdiet tghid mar-rahal li kien hu li kien telaqha b'tarbija ghax ried hajtu u ried igawdi, u l-konvenut jinnega dan kollu.

Wara li ppruvaw jaslu ghall-medjazzjoni, ma waslux ghall-qbil, izda jghid li kien hemm ftehim dwar l-access li kien qed jigi ezercitat fil-mod segwenti:-

- Nhar ta' Tnejn u nhar t'Erbgha mit-8.00 am sat-8.00 pm, jew minn x'hin jispicca l-iskola fil-granet tal-iskola;
- Nhar ta' gimgha mit-8.00 am jew x'hin jispicca l-iskola sas-Sibt fl-10.30 am;
- Il-hinijiet jergghu jinbidlu ghal tlett gimghat u fir-raba' gimgha japplikaw kif imsemmi hawn fuq.

Il-konvenut jikkonferma ukoll illi wara digriet tat-23 ta' Marzu, 2017, l-access gie mibdul, fis-sens li jigi ezercitat kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mill-4pm sat-8pm, nhar ta' Gimgha mill-5 pm sal-5 pm l-ghada u 'alternate weekend' mill-5 pm sal-5 pm. Bhala access ma jidhirx li hemm problemi, hlief xi kultant l-attrici tittardja u joqoghdu jistennew hdejn l-ghassa tal-pulizija tal-Mellieha. Hu jikkonferma li jekk kien ser ikun tard dejjem javzaha.

Illum jispjega li minhabba l-hinijjiet tal-access ma jigbrux mill-iskola ghalhekk mhux involut f'dak li jikkoncerna l-iskola. L-attrici tiehu d-decizjonijiet u peress li ser jibda s-Sekondarja ddecidiet li ser tibghatu s-Sekondarja n-Naxxar, minghajr ma nfurmatu. Jispjega ukoll li t-tifel jiehdu ghal-lezzjonijiet tas-swimming, imma minkejja li tajjeb, kellu jnaqqaslu l-granet, ghax l-attrici ma tiehdux fil-hin li jmissu. Kien qed jiehdu ukoll ghal-lezzjonijiet tal-pjanu u t-tifel jidher tajjeb, izda l-attrici qed tirrifjuta li tixtrilu pjanu ghax ma tistax taffordja, anke meta sablu wiehed second hand. It-tifel ghamel ezami tal-pjanu wara erba' snin. Ghalhekk il-pjanu u l-ghawm jaghmilhom meta jkun mieghu. Jichad li t-tifel mhux jiehu gost l-lezzjonijiet tal-pjanu ghax tah l-ghazla u ried ikompli jmur.

L-attrici mbaghad kienet thalli lill-minuri jorqod ghandu biss nhar ta' Sibt u ma kinitx tkun flessibbli biex tbiddilu ghall-gurnata ohra. Lanqas kienet flessibbli, wara li ommu kellha operazzjoni u ried il-hin biex ighinha. Kien jispicca jiehu l-leave sabiex ikun jista' jara lill-ibnu u jlahhaq m'ommu. Hu jinsisti li kien infurmaha verbalment li ommu kellha taghmel operazzjoni. Meta ikun hemm xi bzonn li jinbiddlu l-hinjiet, l-konvenut huwa flessibbli, pero' ma jistax ighid l-istess ghall-attrici.

Il-konvenut izid ighid li kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn kien jigbed l-attenzjoni tal-attrici dwar xi nuqqasijiet li kien jara fil-minuri, bhal per ezempju tbengil, jew li kien mahmug jew li kellu xi difer imkisser u minflok l-attrici kienet tibda tghajjat mieghu. Ighid ukoll li l-minuri gieli jmur lura mill-iskola bil-hwejjeg ta' taht mahmugin, izda jikkonferma li ma kienx hemm ilmenti da parti tal-iskola, hlief ghax kien qed imur l-iskola bil-harqa.

L-attrici kienet bidlet ir-residenza taghha, izda ma kinitx qaltlu u kien sar jaf b'kumbinazzjoni. Dan halla impatt fuq it-tifel ghall-bidu u anke l-ghalliema tal-iskola kienu ndunaw b'dan. Ma kienx ta' gid ghall-minuri ukoll ighid, li gieli kien jorqod hemm certu J, l-gharus tal-attrici u gieli raqdu hemm xi hbieb.

Il-konvenut jispjega li l-minuri jghidlu kollox dwar x'inhu ghaddej, izda jghidlu biex ma jikxfux ghax altrimenti ommu tirrabja mieghu. Meta jasal iz-zmien li ghandhom il-Qorti jew li ghandhom medjazzjoni, il-komportament tal-minuri jinbidel u mbaghad jerga' jirritorna lura ghan-normal. Mistoqsi in kontro-ezami jekk jurix lill-minuri d-dokumentazzjoni tal-Qorti jichad u jghid dawn huma merfughin fl-ufficju tieghu u m'ghandux access ghalihom, izda ma jinnegax li jekk it-tifel isaqsih fejn sejjer, ighidlu li ghandu l-Qorti. Kien ighidlu li l-attrici kienet isawwtu, izda qatt ma kien ra dawn l-affarijiet jigru quddiemu. Ighid pero' li kien rah harqa ta' sigarett mal-ghaksa u jemmen it-tifel, li qal, li dan ma kienx accident.

Issemmi xi zewg incidenti li kienu nkwietawh, wiehed kien fil-31 ta' Marzu, 2013, fejn irritorna l-minuri d-dar u sab lill-attrici xurbana u darb'ohra kien hemm okkazzjoni fejn ma gabitx it-tifel ghall-access peress li ma kienx jiflah u generalment kienu tehodulu anke jekk kellu d-deni. Ommu kienet marret biex tarah u ma fethilha hadd u kienet indunat li ma kienx hemm il-vettura tal-attrici. Kienet cemplet lill-konvenut u fil-pront ighid li kienet waslet l-attrici li kienet ammettiet li kienet harget tixtri u kienet halliet lill-minuri ghal ftit id-dar wahdu. In segwitu kien ghamel rapport l-ghassa, minn fejn irrizulta li l-attrici kienet giet liberata peress li hu u ommu qatt ma kienu gew notifikati.

Il-konvenut ihoss li kien ikun ahjar li kieku l-minuri jigi fdat fil-kura u kustodja tieghu ghax jista' joffrilu izjed stabbilita' u ma jkunx espost ghall-affarijiet mhux xierqa.

3. KB, omm l-attrici tistqarr li meta l-attrici kienet infurmathom li kienet qed tistenna t-tarbija minghand il-konvenut, kienu haduha bil-kbira. Meta twieled it-tifel, omm il-konvenut kienet bdiet tmur ghandhom b'certu patronanza fuq il-minuri u dina bdiet tikkaguna xi problemi peress li kienet qed tmur ghall-gharrieda u ghalhekk kellha tieqfilha l-attrici. Mat-twelid tat-tifel minuri bdiet tinduna ukoll li l-konvenut ma kienx interessat fl-attrici, izda kien iffissa fuq il-minuri. Mill-bidu kien biddel l-atteggjament tieghu. Ma kienx ridhom jidhlu l-isptar biex jaraw lin-neputi meta twieled. Insista li l-minuri ghandu jgib kunjomu biss u ried jirregistrah mill-aktar fis. Tinnega li l-attrici riedet tirregistrah fuq "father unknown." Meta kien imur izurhom, kien mohhu biss fit-tifel u ghalhekk ir-relazzjoni bejnu u l-attrici bdiet sejra mill-hazin ghall-aghar. Il-konvenut ukoll kien beda jiffissa li kien ikun irid li meta johorgu tmur ommu maghhom ukoll. L-attrici mbaghad kienet iddecidiet li thassar ir-relazzjoni taghhom peress bl-ebda mod ma setghet tikkomunika mal-konvenut.

Omm l-attrici tispjega ukoll li l-minuri kien qed jigi mghawwi mill-konvenut kontra l-attrici u kontrihom u juza' kliem li ma jgibhomx min ghandhom.

Omm l-attrici tikkonferma li l-konvenut irid iddahhal lit-tifel go bozza. Dejjem jipprova jaqla' argument u jhalli lill-attrici jew lilhom jistennew kull darba li jmorru jigbru lit-tifel. In kontro-ezami tghid li gieli meta jmorru jigbru lit-tifel, jibki ghax ma jkunx irid jitlaq dak il-hin. Tghid li l-konvenut jigdeb u beda jallega li l-attrici ssawwat lill-minuri. Tinnega dan

kollu u tkompli tghid li jekk hemm bzonn li t-tifel jigi ammonit ghax ikun zbalja, l-attrici tammonih biex tghallmu.

Omm l-attrici tikkonferma li bintha kienet iddecidiet li jkollha l-post taghha, biex it-tifel ikollu iktar stabbilita' u iktar sigurta' u fuq kollox ihossu close m'ommu. Ma tichadx li gieli tlibsu hwejjeg ta' meta kien izghar.

Omm l-attrici tikkonferma li bintha hija omm tajba u tiddedika hafna hin lill-minuri u l-konvenut qed jivvinta biss qlajja sabiex jpingiha f'dawl ikrah sabiex jittenta jehodilha l-kura u kustodja tal-minuri. Tkompli tghid li bintha tahdem mit-8.00 am sas-7 pm u wara l-iskola kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha, il-minuri jkun mal-konvenut, filwaqt li t-Tlieta, l-Hamis u l-Gimgha jkun maghha. Is-Sibt ikun mal-konvenut u l-Hadd mal-attrici.

Dawn il-fatti huma kollha kkonfermati minn missier l-attrici L sive M B.

4. NB, hu l-attrici jiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna gellied u pikuz. Dejjem irid jidher u kull meta kienu jkunu ma' shabhom kien jipprova jirridikolah, partikolarment minhabba li kien idoqq il-vjolin.

Ighid li l-konvenut ma kienx jirrispetta lill-familja tieghu u kien wisq arroganti u possessiv u kien jittama li l-minuri ma kienx jiehu wara missieru. Ighid li wara l-access gieli jigi lura b'certu arroganza, izda l-attrici tfakkru li din l-imgieba mhux accettata f'darhom.

Izid ighid li l-konvenut qatt ma sab xejn pozittiv fl-attrici u dejjem irid ipingiha hazin, meta fil-fatt ohtu hija omm tajba, li tipprova trabbi lil binha

bl-ahjar mod possibbli, b'edukazzjoni tajba, b'dixxiplina bbilancata u b'hin ghad-divertiment ukoll.

5. OP, kugina tal-attrici, tiddeskrivi lill-attrici bhala persuna edukata, socjevoli u pozittiva. Lill-konvenut tafu bhala persuna li rarament kien jidhak. Meta kien jiggieled mal-attrici kien imur ghandha biex jiftah qalbu maghha u kien ikun seren wara li tkellmu. Il-familja tal-konvenut wahhlu fiha li kienet il-kagun li l-partijiet hassru.

   Tghid li l-konvenut huwa persuna mhux matur u kien zgarbat fil-konfront taghha. Kienet gibditilha ghajnejha fuqu, izda kienet ghamja fuqu. L-attrici kienet tiggustifika l-atteggjament tieghu peress li kellu trobbi iebsa ghad-differenza tal-attrici.

   Ix-xhud tkompli tikkonferma li wara li twieled it-tifel minuri, l-atteggjament tal-konvenut qaleb ghall-aghar ghax iffissa fil-minuri u ma riedx jaf lill-attrici. L-attrici ma kinitx baqqghet l-istess persuna, ma kinitx ferhana u kienet iktar tkun hosbiena u kwieta hafna. Imbaghad issa l-konvenut kien mohhu biex jaqla' l-glied u jgib lill-attrici tidher kerha.

   Ix-xhud tinkwieta li l-minuri Jayden qed jinduna bir-relazzjoni li tezisti bejn ommu u missieru u peress li huwa intelligenti hafna ikun hosbien hafna. Tkompli tghid li l-attrici gieli tiftah qalbha maghha u tghidilha li ma tridx idahhal lit-tifel go bozza, ghax huwa tifel energetiku, izda minhabba l-atteggjament tal-konvenut kienet kontinwament imbezza' li ma jmurx iwegga' ghax zgur mal-konvenut tehel hi. Anzi tghid li meta l-minuri jigi lura mill-access minn ma' missieru jmur lura b'certu arja u jkun disrispettuz lejn l-attrici.

Dwar l-incident fejn il-konvenut insista li l-attrici kienet sawwtet lill-minuri, tinnegah peress li kienet prezenti. Tghid li l-minuri kien kisser flixkun accidentalment u peress li kienu qed jigbru l-hgieg, l-attrici kienet baghtet lill-minuri f'kamartu. Hu ma kienx obdiha u beda jghid li kien irrabbjat hafna.

Ix-xhud tghid li l-minuri huwa ssettiljat mal-attrici. Hi tiehu hsiebu hafna u anke jekk it-tifel minuri huwa energetiku hafna, xorta wahda taf tikkontrollah. Hi dejjem kienet ezemplari, ghax baqqghet tistudja anke meta kienet tqila u dejjem ghamlet l-almu taghha biex it-tifel ma jkun nieqes minn xejn. Hija persuna affidabbli u tista' torbot fuqha.

6. QR, haten il-konvenut, kien sar jaf lill-attrici meta beda johrog ma' oht il-konvenut. Jispejga li l-attrici kienet socjevoli u wara li kellha t-tifel kienet iktar titkellem mieghu fuq l-istudju li kien qed jaghmel hu u hi peress li kienet qed tistudja l-Universita'. Meta kien jiltaqa' maghhom flimkien kien ihoss li kien hemm tensjoni bejniethom u ma tantx kien jitkellem mal-konvenut peress li kien jarah inkwietat u maghluq fih innifsu u jirrelata dan mal-fatt li kien ihossu umiljat quddiemu minhabba l-mod kif kienet titrattah l-attrici. Illum jafu bhala guvni felici u cajtier.

Ihoss li l-konvenut huwa ddedikat lejn ibnu, jorganizzawlu l-kejkiet ghall-gheluq sninu u anke johrog mieghu u malli jsirlu l-hin ghall-access jitlaq kollox minn idejh biex ikun ma' ibnu. Lanqas ghandu hin ghall-passatempi tieghu.

Ix-xhud ighid li jhossu ddispjacut ghal Jayden u jaqbdu ghafsa ta' qalb meta jarah jibki ghax ikun sarlu l-hin biex imur ghand ommu. Jiddispjacih ukoll, ikompli jghid li l-attrici ma tlibbsux tajjeb lil E u jkun libes mlaqqat,

filwaqt li l-attrici ma tibqa' nieqsa minn xejn. In kontro-ezami jghid li dawn huma opinjonijiet.

Peress li l-attrici kienet thalli lill-minuri jorqod mal-konvenut kull nhar ta' Sibt fehem, li kien sabiex l-attrici tkun tista' tohrog u tgawdi, filwaqt li l-konvenut lanqas kien imur imkien u kien joqghod id-dar mal-minuri. Kien johrog biss ftit il-Hadd wara nofsinhar meta E kien ikun lura ghand ommu.

Jammetti li l-konvenut huwa missier ezemplari, ghall-kuntrarju tal-attrici li tirreagixxi b'mod egoist lejn il-konvenut u binha.

7. SR, oht il-konvenut taf li l-attrici kienet mgenna fuq il-konvenut u kienet tghid li hi kienet griet warajh. Tispjega li kienet thoss ghall-attrici, peress li ma tantx kellha relazzjoni tajba mal-genituri taghha peress li kienu jerfghu jdejhom fuqha. Kemm il-darba kienet tmur ghandhom minhabba f'hekk.

Temmet tghid li huha huwa persuna biezel u habbrieki u ta' qalb kbira. Li jrid hu li jrabbi lil E f'ambjent ta' mhabba u ta' stabbilita' u dixxiplina xierqa minghajr aggressivita' u eccessivita'.

Tghid li l-attrici wisq kienet thobb tghix hajja socjali hafna, ghax hija tip socjevoli u ma riditx li tbiddel hajjitha, minkejja li kellhom it-tifel u gieli riedet tmur f'postijiet mhux adattati ghat-tifel, bit-tifel maghhom u ghalkemm il-konvenut kien jopponi, xi drabi kien ikollu jaccetta.

Tinsisti tghid li mal-hbieb, l-attrici hija persuna totalment differenti ghax kienet dhulija, grazzjuza u simpatika, imma mal-konvenut kienet aggressiva u arroganti. Temmen li dan l-atteggjament kien qieghed

jaffettwa lil E, ghax meta jkun ma’ missieru s-Sibt ikun bla sabar, aggressive u jwarrab lil missieru, imbaghad wara ftit sieghat ma jkunx irid jinqala’ minn ma’ missieru.

Tghid li problema ohra tal-attrici hija li kienet dominanti u cahdet lill-konvenut milli jkompli l-edukazzjoni tieghu, ghax ried isegwi kors ghall-electrician l-MCast, izda kienet kontra peress li hi kienet qed tistudja ukoll u ma kinitx l-ahjar sitwazzjoni ghax b’hekk ikollhom inqas hin flimkien.

Ix-xorb u l-hrug eccessiv tal-attrici kienu problema ohra, ghaliex donnha ma riditx taccetta li kienet ser issir omm u anke sahansitra kienet disposta li ttemm it-tqala, izda l-konvenut oppona bil-qawwa. Minn hawn bdiet pika kbira bejniethom u l-attrici kienet takkuza lill-konvenut li kien iktar mohhu biss fit-tifel u ma kienx jimpurtah minnha.

Meta kienet saret taf li kienet tqila, kienet tkellmet maghha u l-attrici kienet qaltilha li ma kinitx kuntenta li kienet inqabdet tqila u dan peress li hasset li ma tantx kellha “mother instincts” u fil-fatt ix-xhud tghid li dan kien jidher car  bil-mod kif kienet tagixxi mal-minuri, ma tbiddilux in-nappy regolarment, tmur tard ghalih wara l-access anke jekk it-tifel kien ikun ghajjien. Il-priorjita’ taghha zgur mhux it-tifel. It-tifel ukoll kien jinzamm mahmug u jilbes hwejjeg mhux tal-qisien tieghu, peress l-attrici kienet tiddubbahom minghand haddiehor, filwaqt il-konvenut kien jixtrilu hwejjeg u zraben.

Ix-xhud tikkonferma ukoll li l-minuri kien semma’ li l-attrici kellha relazzjoni ma’ certu J u dan gieli kien jorqod ghandha.

8. TD, omm il-konvneut itenni li l-konvenut huwa persuna biezla, rizervat u ta’ qalb tajba. Tghid li l-attrici kienet tiehu gost hafna tmur ghandhom u hi u l-konvenut kienu jqattghu hafna hin hemm. L-attrici ma tantx kienet taqbel ma’ ommha u kienet tghidilhom li kienet thossha skomda fid-dar taghha. Kien hemm drabi fejn kienet iccempel lill-konvenut biex tmur ghandhom peress li l-genituri taghha jkunu refghu idejhom fuqha. Meta hi u r-ragel taghha kienu intervjenew u tkellmu mal-genituri tal-attrici, dawn spjegaw li l-uniku mod li setghu jikkontrollaw lil binthom kien bid-dixxiplina. Tghid li personalment ma ratx swat fuq l-attrici, izda l-genituri taghhom kienu kkonfermaw.

Tistqarr li meta kienet iltaqghet ma’ omm l-attrici, ftit wara li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien kienet accennat li l-attrici ser tisfratta lill-konvenut u dan peress li kienet thobb tohrog u tiddeverti.

Tghid li l-attrici kienet it-tip li kienet thobb il-hrug u l-kumpanija tal-hbieb u kienet sabitha difficli biex tadatta wara li kienet tqila u welldet, l-iktar ghax kienet thoss li ma kellhiex l-istint t’omm. Ghall-konvenut kienet iktar facli. Kienet ukoll tespona lit-tifel ghall-hbieb taghha, tiehdu maghha, Ghawdex, weekend breaks, kif ukoll camping, meta ma jkunx hemm tfal.

Ghall-bidu kienu jidhru li sejrin tajjeb fir-relazzjoni, izda qabdet it-triq ghan-nizla’ meta l-attrici kienet infurmat lill-konvenut li kienet qed tikkunsidra li ttemm it-tqala, L-attrici donnha bdiet taghmel minn kollox sabiex tkorri lit-tarbija, kienet baqghet tixrob u kienet thobb tmur postijiet ta’ divertiment taz-zghazagh qalb is-sigaretti. Il-konvenut kien jirrabbja meta kienet tirreagixxi hekk. Il-konvenut kien jinkwieta hafna meta kien jara lil dina s-sitwazzjoni. Ipprova jikkonvinciha sabiex imorru *counselling* u fl-ahhar kienet accettat. Tghid li l-attrici kienet qaltilha li

ommha ma kinitx tifimha u kienet tippreferi titkellem mal-hbieb jew mal-kugini.

Meta twieled il-minuri, tkompli tghid li kienet offriet l-ghajnuna taghha u dan minhabba li l-attrici kienet fl-ahhar sena tal-Universita' u kienet ix-xewqa taghha li tiggradwa. Kien ghalhekk li kienu jghinuha, izda tinnega li kienet tmur ghandha ghall-gharrieda. Tikkonferma l-incident li jsemmi l-konvenut ta' meta l-attrici kienet halliet lill-minuri wahdu d-dar.

Omm il-konvenut tispjega li kienet ghamlet zmien fejn kienet izzomm lit-tifel minuri peress li l-attrici kienet qed tistudja u minkejja kienet toffrilha biex toqghod ghandhom biex tkun vicin it-tifel, kienet tippreferi tmur ghand ommha. Bejn il-perjodu fejn spiccat l-Universita' u bdiet tahdem, l-attrici xorta wahda zammet l-istess rutina, meta kellha izjed cans toqghod ma' binha. Kienet ftehmet mal-konvenut ukoll illi kellu jraqqad lill-minuri kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar sal-Hadd, ghax kienet tinsisti li riedet il-hin liberu taghha u dan ovvjament kien biex tista' tohrog, filwaqt li l-konvenut kien joqghod id-dar.

Omm il-konvenut tkompli tirrigetta l-akkuzi tal-attrici u l-familja taghha fil-konfront tal-konvenut, li huwa giddieb, kif ukoll iffissat fuq il-minuri. Kienet tahseb hekk ghax kienet egoista, filwaqt li l-konvenut huwa iktar altruwist.

Omm il-konvenut tibqa' tinsisti li l-minuri mhux qed ikollu trobbija tajba, l-attrici thallih mahmug u jkun mgennen biex jinhasel meta jigi ghandhom u jitla' dritt fil-kamra tal-banju. Kien hemm darba meta indunat li kellu infezzjoni bejn is-swaba ta' saqajh. Kienet tlibsu hwejjeg qodma jew zghir u kienet thallih hafna fix-xemx fis-sajf. Kien hemm problemi mal-iskola

peress li t-tifel kien imur bil-guh, jew l-ikel ma kienx joghgbu u darba anke sabitu bil-moffa. Kienet anke baghtitu bil-harqa u fuqu kien hemm il-qalziet ta' taht.

Semmiet ukoll li l-attrici kienet ikkagunatlu gerha fuq daharu wara li kien waqqa' flixkun xampanja.

L-attrici, skond omm il-konvenut hija persuna pikuza, u riedet tirregistra l-minuri fuq "father unknown" biex setghet tiehu l-beneficcji socjali.

Recentement, tghid li l-minuri qed jirreagixxi b'mod aggressiv u b'rabja maghha u ma riedx joqghod ghandhom. Wara li kienet tkellmu bil-kwiet kien jikkalma u jinbidel minn tifel aggressiv ghal tifel energetiku u kwiet.

9. UD, missier il-konvenut jispjega kif l-ewwel darba li kien iltaqa' ma' omm l-attrici kienet peress li ma setghetx isibha. Milli jidher kellhom xi jghidu u kienu refghu idejhom fuqha, tant li l-konvenut kien mar ghaliha u marret toqghod ghand il-kugina taghha O. Il-konvenut jikkonferma l-verzjonijiet ta' martu u tal-konvenut u ohtu, li l-genituri tal-attrici kienu juzaw hafna dixxiplina fizika u l-istess kien jittrattaha huha.

Jikkonferma li l-konvenut kien inkwietat meta l-attrici waslet sabiex twelled, peress li tul it-tqala ma tantx kienet attenta, ghax kienet tixrob u tmur toghdos ma' kuginitha, izda t-tarbija twieldet qawwija u shiha.

Jikkonferma l-verzjonijiet tal-familjari tieghu, li kienu zammew lill-minuri tlett darbiet fil-gimgha, wara li twieled peress li l-attrici kienet qiedgha fl-ahhar sena l-Universita'. Pero' anke meta bdiet izomm it-tifel hi, kienet taghti iktar importanza ghall-hrug u l-hbieb. Il-konvenut kien differenti u

kull cans li kellu kien joqghod mal-minuri, anke jekk kellu xi festin, ma kienx irid ihallih wahdu. L-attrici tikkunsidra li kien wisq iffissat fih.

Izid ighid dwar incident li sehh waqt il-festa tar-rahal, fejn l-attrici kienet irrabjat ma' omm il-konvenut ghax kienet hadet lill-minuri minn gol-pushchair biex tixtrilu gugarell.

Jispjega kif l-attrici kienet difficli maghhom, anke meta martu ghamlet operazzjoni, ghax xorta kienet izomm il-granet tal-access u ma riditx tkun flessibbli. Ikompli jghid li l-attrici ma tantx kienet tiehu hsieb il-minuri peress li ma tantx kienet tbiddilu n-nappies. Lanqas ma kienet tlibsu tajjeb, ghax filwaqt li l-konvenut kien jixtrilu hwejjeg tajbin, l-attrici kienet tlibsu mlaqqat u zraben imqattghin.

Meta l-attrici fethet proceduri ghall-manteniment minghand il-konvenut, minkejja li dan kien ighaddilha l-flus, kien waqqfu meta rrealizza li ma kinitx qed tonfoq il-flus ghall-bzonnijiet tal-minuri. Imbaghad kienet tiehu ghaliha jekk kien ighaddi xi kumment.

Missier il-konvenut isemmi li l-attrici kienet aggressiva u supperva u kienet qed tikkundizjona lill-minuri li beda jirreagixxi bhala. Pero' meta jkun mal-konvenut kien sar irid jibqa' mieghu. Ighid li l-attrici kienet marret tghix ghar-rasha, peress li kien ikollha hafna argumenti mal-familjari taghha u dan minhabba li ma kinitx taghti kaz il-bzonnijiet tal-minuri.

10. VW, kap tal-iskola li jattendi E. Tispjega li kellha lmenti minghand l-ghalliema tal-minuri, peress it-tifel ma kellux kwiet biex joqghod bil-qiedgha. Meta bdew jitghallmu jiktbu, l-ghalliema kienu kkoncernati ukoll,

ghax ma kellix sabar joqghod kwiet. Tghid ukoll li t-tifel huwa intelligentissimu u wara li jispjegawlu jispicca jlahhaq ma' shabu. L-ghalliema tal-Grade 2 kienet talbet li jsir assessment fuq il-minuri u skond l-istess assessment irrizulta li l-minuri huwa intelligenti hafna u rrizulta ukoll li kellu problema ta' attenzjoni. Tkompli tghid li t-tifel jattendi n-*nurture class* fejn ighinuh fuq dan it-tip ta' behaviour li ghandu, b'hekk jekk ikollu aptit jigri girja u jiftah qalbu jkun jista' jaghmel hekk.

Tippreciza li kien hemm xi zmien meta t-tifel kien qed jasal tard l-iskola, Ghall-parents day, iz-zewg genituri dejjem attendew. Spjega ukoll li t-tifel huwa sensittiv u jinkwieta fuq kollox.

11. ZYX, Head of Human Resources tal-kumpanija Deloitte. Ikkonfermat li l-attrici tahdem maghhom mit-8.30 am sal-5 pm, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa.[5] Tispjega li bhala kumpanija jaghtu opportunita' lin-nisa jekk iridu jahdmu mid-dar jew ix-xoghol. Skond l-esigenzi tax-xoghol, jistghu ukoll jahdmu sat-3pm. Bonuses ikunu diskrezzjonali u jkunu performance-related.

12. Spettur Maurice Curmi, esebixxa rapport li kien ghamel il-konvenut fil-11 ta' Jannar, 2017 l-Ghassa ta' Qawra peress li l-minuri kien qed jibza' li jkun d-dar m'ommu.[6] L-attrici kienet ghamlet rapport ukoll fejn allegat li l-konvenut ma kienx qed itiha manteniment[7] u rrapportat ukoll li xi hadd kien faqalha t-tyres tal-karozzi.[8]

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

[5] Ara DOK. CCR 1 a fol. 384 tal-process.
[6] Ara Dok. MC 1 a fol. 385 tal-process.
[7] Ara Dok. MC 2 a fol.390 tal-process.
[8] Ara Dok. MC 3 a fol.393 tal-process.

**KURA U KUSTODJA**

L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri Jayden.

Il-minuri E twieled fit-28 ta' Settembru, 2008 minn relazzjoni li kellhom l-partijiet. Wara li twieled il-minuri, il-partijiet hassru r-relazzjoni. Jirrizulta li kien hemm wisq piki u wisq idejat kontrastanti ghal dak li jirrigwarda t-trobbija tal-minuri. L-attrici kienet ghadha qed tistudja l-Universita' u sabet ruhha tqila, meta din ma kinitx ippjanata. Il-konvenut jakkuza lill-attrici, li ma kinitx disposta li tassumi r-responsabbilitajiet taghha bhala omm, filwaqt li hu kien dispost li jbiddel hajtu ghat-tifel.

L-attrici ma tichadx li ghall-bidu sabitha difficli biex trabbi lill-minuri, meta kienet ghadha qed tistudja u fil-fatt fiz-zmien l-ezamijiet, peress li l-minuri kien qed itella' s-snien u ma tantx kien qed ihalliha torqod, kienet talbet lill-konvenut sabiex izommulha. Fil-fatt, il-minuri kien ikun mal-missier, kull nhar ta' Tnjen, l-Erbgha u l-Gimgha u mbaghad jorqod ghandha mis-Sibt ghall-Hadd.

Maz-zmien, jirrizulta li l-partijiet ghaddew minn sensiela ta' piki bejniethom, kulhadd iwahhal f'xulxin biex juri min hu l-ahjar genitur. L-attrici tkun ix-xoghol il-maggorparti tal-hin sal-5.00 pm, pero' gieli jkollha tara xi klijenti privati u ghalhekk gieli tirritorna tard biex tigbor lill-minuri minghand ommha jew minn hdejn l-ghassa tal-Mellieha meta jkun imissu mal-konvenut.

L-attrici spjegat li malli tasal id-dar, tiddedika l-hin lit-tifel minuri, jaghmlu l-homework, jieklu u jaraw xi film. Mill-provi jirrizulta li xi kultant l-attrici ssib problema biex tibbilancja l-hajja taghha bhala omm u l-hrug, ghax tiehu l-minuri maghha u mhux dejjem l-ambjent huwa adattat ghall-minuri, apparti mill-fatt li hi ma nnegatx li hafna minn hbiebha huma koppji u m'ghandhomx tfal.

Apparti minn dan il-fatt, jidher li ma jezistux problemi bejn l-omm u l-minuri, ghax anke meta l-ghalliema tal-iskola gew intervistati minn Ingrid Vassallo, social worker li giet inkarigata mill-Qorti biex taghmel assessment tas-sitwazzjoni tal-minuri E. Gie stabbilit li ***"jmur l-iskola regolari, jkun liebes dejjem pulit u nadif u dejjem ikollu ikel frisk u abbundanti. It-tifel huwa intelligenti u jlahhaq sewwa max-xoghol li jinghata kemm fil-klassi kif ukoll ghad-dar. L-okkazzjonjiiet meta m'ghamilx il-homework kienu rari u l-ghalliema hija tal-fehma li f'dawn l-okkazzjonijiet kienet htija tat-tifel ghax ma kienx attent, iktar milli tal-genitur."***[9]

Ms. W, il-headmistress tal-iskola fejn attenda l-minuri, tispjega li kien hemm xi zmien li t-tifel ma kellux kwiet, partikolarment meta kien izghar u kellu problema ta' attenzjoni, pero' kien jattendi "nurture class" biex ighinuh kif ghandu jgib ruhu u jkollu cans johrog mixja jekk ikun idejjaq.

Dawn kollu huwa kontra dak li jsostni l-konvenut li jinsisti li l-attrici terfa' idejh fuq il-minuri, ghax gieli rah xi tbengil u taghtu kastig u kien jikkonfronataha wara li kien ighidlu l-minuri, Jinsisti li kienet thallih mahmug u lanqas kienet tbiddilu l-hwejjeg ta' taht u lanqas ma kienet

---

[9] Ara fol. 328 tal-process.

taghtih lunch l-iskola suret in-nies. Il-konvenut jinsisti li l-attrici trabbih b' mod aggressiv, ghax hekk trabbiet u b'dixxiplina wisq iebsa.

Il-konvenut ipingi lill-attrici bhala omm li tippreferi tohrog u taghti priorjita' lill-hrug u lill-hbieb u tixrob u gieli tkun fis-sakra, anke fil-presenza tal-minuri. L-attrici tahseb li l-missier huwa wisq ossessjonat bil-minuri u kulma taghmel huwa hazin.

Dina l-Qorti tista' tibqa' ghaddejja ssemmi l-pataflun ta' ezempji li semmew il-partijiet, partikolarment il-konvenut, biex jixhtu dawl ikrah fuq xulxin. Sfortuatament, ir-relazzjoni ta' bejniethom qalbet ghall-aghar sew, tant li l-partijiet lanqas jirnexxielhom jikkomunikaw fuq l-icken haga, li ma jispiccawx jargumentaw. Hafna drabi anke l-komunikazzjoni ssir tramite emails u messaggi, fejn jispiccaw jinsultaw lil xulxin. Dan l-agir mhu xejn rakkommandabbli, partikolarment, meta llum it-tifel minuri qed jikber u jhoss il-velenu li jezisti bejn il-genituri tieghu u dan jista' jhalli impatt negattiv fuqu.

Kif accennat is-social worker Ingrid Vassallo meta tkellmet mat-tifel minuri kien jidher iktar anzjuz meta mar flimkien man-nanna paterna. Kien kontinwament irid jaccerta ruhu li jiftakar dak kollu li kien kiteb fil-pitazz, filwaqt li qal li ried ighid dak kollu li kien kiteb. Fi kliem l-istess social worker ***"Dan jista' jkun sinjal li l-minuri gie "coached" biex jghid certu affarijiet, specjalment meta f'laqgha ezatt simili ma qal xejn minn dan kollu. Fil-fatt l-argumenti li beda jipprezenta l-minuri dak in-nhar kienu ezatt l-istess argumenti li pprezenta CD ftit jiem qabel."*** [10]

[10] Ara fol. 329 tal-process.

Differenti kien l-atteggjament tal-minuri meta gie akkumpanjat minn nanna materna, ma kienx anzjuz u kien aktar mohhu biex jilghab, haga normali ghat-tifel tal-eta' tieghu, tenniet tghid Ingrid Vassallo.

Il-Perit Psikologa Carmen Sammut, innutat ukoll li l-konvenut huwa iktar iffukkat fuq il-minuri. Meta tkellmet mieghu ma semma xejn hlief xoghol u t-tifel. Jidher li hajtu ma ddur ma xejn izjed. Ziedet tghid, li anke forsi dina hija sitwazzjoni ideali u huwa l-genitur li forsi jista' jiddedika iktar hin lill-minuri, izda "***kollox ghandu l-limitu tieghu, u meta t-tfal ikunu l-uniku skop tal-hajja tal-genitur, hemm tendenza li tal-ahhar jibda jara li t-tfal qedghin hemm ghalih jew ghaliha biss, bil-piz zejjed li din tpoggi fuq it-tfal ghax jibdew ihossuhom responsabbli ghall-genitur taghhom. Hemm ir-riskju li t-tifel jigi mbieghed iktar mill-genitur l-iehor, xi haga li hi ta' dannu ghat-tfal ghax huma ghandhom bzonn relazzjoni tajba maz-zewg genituri taghhom.***"

Dina l-Qorti, minn dak li rat u semghet hija konvinta minn dan kollu li rrizulta lill- Dr. Carmen Sammut u dan meta jidher car li l-konvenut kontinwament jaghmel interrogatorju lill-minuri biex isib l-icken haga biex iwahhal fl-attrici.

Ciononostante, l-attrici mhi xejn perfetta. Hija omm li tahdem, ghandha impjieg impenjattiv u tipprova taghmel l-almu taghha biex tlahhaq ma' kollox, hajja pjuttost komuni fis-socjeta' moderna. Li forsi hemm nuqqas da parti tal-attrici, hi li ghandha tirrealizza li ghandha tifel li ghadu minorenni u ghandha tipprova tibbilancja hajjitha ahjar, fis-sens li jekk kemm il-darba trid tohrog u forsi mhux post il-minuri jew ghax hemm adulti biss jew ghax ser tittardja u l-ghada t-tifel ghandu l-iskola, ghandha tikkoopera izjed mal-konvenut, li milli jidher huwa disponibbli biex izomm

il-minuri. Wiehed jifhem li wara gimgha xoghol ikollha bzonn l-izvog taghha u daqstant il-konvenut. Apparti minn hekk l-attrici ukoll gieli ddoqq il-vjolin waqt xi tieg jew avveniment u dawn generalment jinzammu s-Sibtijiet.

Il-Qorti ghalhekk tissollecita l-partijiet sabiex jifhmu li minkejja d-divergenzi bejniethom, ghandhom iharsu l-ewwel u qabel kollox l-interessi tal-minuri u jikkooperaw sabiex dik l-istabbilita' tintlahaq f'hajtu. Dak li hu tajjeb ghalihom ma jfissirx li huwa tajjeb ghall-minuri. Ikun opportun li jattendu co-parenting course u dan ukoll gie rrakkomandat mis-social workers tal-Agenzija Appogg, Christina Debono u Andreana Gellel.[11]

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti thoss li ghar-ragunijiet suesposti, il-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja eskluzziva tal-attrici.

**ACCESS**

Mir-rizultanzi processwali, jidher li l-access kif deciz fl-ahhar digriet tal-Qorti qed jigi ezercitat kull nhar ta' Tnejn u l-Erbgha mill- 4pm sat-8.pm, nhar ta' Gimgha mill-5 pm sal-5 pm l-ghada u 'alternate weekend' mill-5 pm sal-5 pm. Jidher li dan l-access qed jahdem, apparti xi problemi li l-attrici thobb tittardja u mhux dejjem tinforma lill-konvenut li se tasal tard waqt li jaghmel zmien jistenna hdejn l-Ghassa tal-Mellieha. Ghaldaqstant, kull parti ghandha tinforma lill-parti l-ohra jekk ser jittardjaw.

In vista tal-piki kontinwi bejn il-partijiet, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet ghandhom jattendu "parental coaching" biex jitghallmu jahdmu

[11] Ara fol. 591 tal-process.

ma’ xulxin mhux kontra xulxin, ghax b’dan il-mod biss jistghu jaccertaw ruhhom li t-tifel taghhom E ha jitrabba f’ambjent familjari stabbli u solida.

Theggeg lill-partjiet ukoll sabiex fejn l-attrici ma tkunx tista’ zzomm lill-minuri peress li jkollha xi impenji, jew meta l-istess konvenut jitlob li jkun hemm bdil fil-gurnata u hin tal-access, kemm jista’ jkun ikunu flessibbli biex inehhu hafna mill-piz li qed jintefa’ fuq il-minuri, minhabba dizgwid kontinwu.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Mir-rizultanti processwali, jirrizulta li l-partijiet iktar iffukaw fuq l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, milli fuq kwistjonijiet relatati mal-manteniment. Lanqas biss issemma’ d-digriet li nghata fis-27 ta’ April. 2017 fix-xhieda taghhom u ghaldaqstant jidher li l-ammont li gie hemm ordnat u cioe’ s-somma ta’ €230 (li ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja) mhux qed jigi kkontestat.

Iktar jikkombattu fuq l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha. Il-konvenut jinsisti li ghandu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u ghandu jitlob minghand l-attrici s-sehem taghha. L-istess digriet tas-27 ta’ April, 2017 huwa car li l-konvenut huwa obbligat ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenut jikkonferma li kien ghamel xi hlasijiet u sa llum l-attrici ghadha ma hallsitux u ghalhekk ma kompliex ihallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Zied jghid ukoll li hu jhallas l-ispejjes tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u cioe’ l-pjanu u l-ghawm. Hawn ukoll hemm nuqqas ta’ ftehim bejn il-partjiet, ghaliex skond l-attrici l-minuri ma jiehux gost

bil-pjanu u tirrifjuta li tixtrilu wiehed. Ghall-konvenut, it-tifel huwa tajjeb u jipprometti u l-istess fejn jidhol l-ghawm.

Hemm kwistjoni ukoll rigward l-iscouts, ghax il-konvenut qed jirrifjuta li jiffirma l-*consent forms* ghax il-minuri ma jridx imur u hu jiddeciedi u anke l-leader, li jsostni huwa habib tieghu, qallu li t-tifel mhux interessat. L-attrici ghandha verzjoni differenti.

Il-Qorti ghall-darb'ohra theggeg lill-partiijiet sabiex jaghzlu dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri, mhux dak li jinteressa lilhom bhal vendikazzjoni fuq xulxin.

Id-digriet tal-Qorti huwa carissimu, l-attrici ghandha thallas l-ispejjes jew tinforma lill-konvenut dwar l-ispejjes li hemm u ta' dawn ghandu jghaddi nofshom lill-attrici. Tissollectihom ukoll sabiex minghajr hafna frivolezza zejda, jaghmlu tpacija tal-ammonti li hemm pendenti rigward dawn l-ispejjes bejniethom, ghax fl-ebda stadju tal-provi ma gew prodotti minkejja li l-konvenut jaghmel referenza ghalihom u jilmenta dwarhom, haga li messu ghamel l-ewwel u qabel kollox.

Inoltre, jekk m'hemmx problemi li t-tifel ikompli jattendi l-lezzjoniiet tal-ghawm u l-pjanu u l-konvenut kuntent li jkompli jhallashom, dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri u investiment fil-qasam sportiv u edukattiv ta' hajtu.

Ghaldaqstant, tikkonferma li l-konvenut ghandu jibqa' jhallas is-somma ta' €230 fix-xahar, liema ammont ghandu jizdied kull sentejn b'ghoxrin Ewro fix-xahar sa ma l-minuri jilhaq l-eta' ta' tmintax-il sena, u jibqa' hekk jithallas minghajr ma jizdied ulterjorment jekk it-tifel jibqa' jistudja 'full

time' wara li jsir maggorenni sa ma jaghlaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, jew sa ma jikseb impieg 'full time', flimkien ma' nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja eskluzziva lill-attrici, b'dana li l-konvenut ghandu jkollu access kull nhar ta' Tlieta u l-Erbgha mill- 4pm sat-8.pm, nhar ta' Gimgha mill-5 pm sal-5 pm l-ghada u alternate weekend mill-5 pm sal-5 pm. It-tifel ghandu jingabar u jitwassal quddiem l-Ghassa tal-Mellieha.

   Il-Qorti tirrakkomanda li l-partijiet ghandhom jattendu mill-aktar fis kors ta' co-parenting ghar-ragunijiet suesposti.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €230 kull xahar, li ghandhom jizdiedu kull sentejn kif hawn fuq deskritt, flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, hlief ghal dawk relatati mal-ghawm u l-pjanu li ghandhom jithallsu mill-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba.

   L-ispejjez ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**